MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Appell Civili - Ghawdex Numru. 47/2002/1

**Joseph Farrugia**

**vs**

**Peter Paul Attard**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Frar, 2004 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u disghin lira Maltija (Lm590.00) u fejn intqal:

Illi fuq inkarigu tal-konvenut l-attur esegwixxa xoghol ta' restawr fuq il-"body" ta' karozza antika ta' l-ghamla Lea

Frances li jammonta ghas-somma ta’ disa’ mitt lira Maltin (Lm900.00). Minn din is-somma ghandhom jitnaqqsu tlett mitt lira maltin (Lm300.00) li l-konvenut gja hallas u hamsin lira (Lm50.00) ohra, valur ta’ ghajnuna li l-konvenut ta lill-attur. Fl-esekuzzjoni ta’ l-istess xoghol l-attur inkorra spejjez fl-ammont ta’ erbghin lira Maltija (Lm40.00);

Ghalhekk l-attur qieghed jitlob il-hlas ta’ hames mija u disghin lira (Lm590.00) kif ukoll l-ispejjez ta’ ittra interpellatorja mibghuta inutilment lill-konvenut fit-18 ta’ Marzu, 2002 (Dok.A), u bl-imghax legali mid-data ta’ l-eventwali decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fis-26 ta’ April, 2002, fejn gie eccepit;

i. Illi fl-ewwel lok l-illegalita’ ta’ l-azzjoni attrici stante illi l-attur ma huwiex registrat mad-Dipartiment tal-VAT, it-talba tieghu ma nhargitx fuq invoice fiskali ai termini tal-Ligi tal-VAT u kwindi l-kawza petendi hija wahda illecita;

ii. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess l-attur ma wettaqx ix-xoghol kollu li kien miftiehem li jaghmel, u fil-fatt irritorna lura l-vettura b’hafna xoghol nieqes, u ghaldaqstant l-esponenti qed jeccepixxi l-“exceptio inadempleti contractu”;

iii. Illi fit-tielet lok l-attur ma mexiex skond il-ftehim u ghalhekk ma jistax jippretendi l-hlas ghal xoghol li ma ghamilx;

iv. Fir-raba’ lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-somma ta’ erbghin lira Maltija mitluba, ma hijiex dovuta stante illi l-partijiet ftehmu fuq prezz fiss tax-xoghol u l-materjal kollu dejjem thallas mill-eccipjenti. Illi dan jirrizulta wkoll minn ricevuta rilaxxata;

v. Illi l-esponenti fil-fatt qabel ma nbdiet din il-kawza offra kemm il-darba s-somma ta’ erba’ mija u

hamsin lira Maltija (Lm450.00) li fl-opinjoni ta' l-eccipjenti tirrapprezenta l-ammont gust dovut.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Joseph Farruga, George Farrugia, Paul Piscopo, Peter Paul Attard. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti. Sema' lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:

1. L-attur qed jaghmel din il-kawza sabiex jithallas ta' xogholijiet li ghamel fuq karozza antika tal-marka Lea Frances.

2. Mill-provi jirrizulta li l-attur ma hux persuna registrata li ghandha thallas it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni dwar azzjoni illecita ma treggix.

3. Dwar il-mertu jirrizulta li kien sar ftehim verbali dwar ix-xoghol li kellu isir fuq il-karozza tal-konvenut. Jirrizulta li din ma kinitx l-ewwel darba li l-attur kien hadem lill-konvenut. Il-konvenut qed jilmenta fuq diversi affarijiet, fosthom li x-xoghol ma tlestiex fiz-zmien stabbilit, kif ukoll li x-xoghol ma kienx komplut, u li ghalhekk il-konvenut kellu jinkorri certi spejjez sabiex jitlesta dan ix-xoghol.

4. Jirrizulta li l-konvenut kien accetta li l-attur jithallas disa' mitt lira ghax-xoghol fuq il-vettura. Jidher li kien hemm ukoll ftehim li l-prezz jonqos jekk ikun hemm ghajnuna da parti tal-konvenut fix-xogholijiet. Jirrizulta li l-ispejjez kellhom ikunu ghall-konvenut.

5. Jirrizulta li l-attur kien beda jahdem fuq il-vettura f'Settembru, 2001. Skond il-konvenut u x-xhud Paul Piscopo, dan ix-xoghol kellu jitlesta sa l-ahhar ta' Dicembru, 2001. Fil-fatt ix-xoghol tlesta fil-11 ta' Marzu, 2002.

6. Jirrizulta li l-konvenut kellu bzonn ta' din il-karozza peress illi ried juzaha ghat-tigijiet.

7. Jirrizulta li l-karozza hi mahduma bl-aluminju, u ghalhekk tirrikjedi aktar xoghol.

8. Jirrizulta li l-konvenut kien imur regolarment, anke darbtejn fil-gimgha, jara x-xogholijiet mexjin.

9. Jirrizulta wkoll li kien hemm okkazzjoni wahda meta l-konvenut flimkien ma' Paul Piscopo marru jghinu, u ghamlu xoghol fuq l-imsemmija vettura. Kienu damu gurnata shiha jahdmu fuqha.

10. L-ilmenti tal-konvenut dwar ix-xoghol li ma sarx kienu diversi, u precisament:

i. Illi l-qiegh tal-karozza ma kienx mizbugh;
ii. Illi l-karozza ma kinitx giet mizbugha taht it-tapiti;
iii. Illi l-bagoll ma nzebaghx;
iv. Illi l-kaxxa ta' l-ghodda ma nzebeghetx;
v. Illi l-air cleaner u l-pipe heater nzebghu minn fuq biss;
vi. Illi l-attur ma baraxx il-hadida tal-bumper ta' wara;
vii. Illi l-hadida ta' l-ispotlights fil-faccata inzebghet bil-pinzell;
viii. Illi ma sarx buffering tal-Chrome;
ix. Illi l-bonnett ma giex settjat kif suppost;
x. Illi waqghet il-batterija;
xi. Illi saret hsara fil-mutur tal-windscreen.

11. It-Tribunal jinnota dak li xehed Paul Piscopo fir-rigward tax-xogholijiet li ghamel l-attur, meta dana jghid ghal darba darbtejn illi x-xoghol li sar fuq il-karozza kien sar b'mod professjonali. Ghalhekk f'dan il-kaz definitivament ma hux il-kaz li wiehed jikkunsidra l-ilmenti ta' hsarat, izda ta' dak ix-xoghol li ma sarx u partikolarment ghall-ilmenti fuq imsemmija minn numru i sa numru vi, u n-numru viii.

12. It-Tribunal qed jaccetta li fil-fatt xi xoghol li ma sarx, tassew kien hemm, tant li l-istess attur kien offrielu lill-konvenut li jlestilu fejn hemm nieqes.

13. It-Tribunal jinnota ukoll li l-ftehim kien li l-attur jithallas disa' mitt lira (Lm900.00) ghax-xogholijiet. Fil-fatt meta tah lura l-karozza, il-konvenut kien hallas tlett mitt lira (Lm300.00). B'hekk jigi li baqa' ammont ta' sitt mitt lira (Lm600.00).

14. L-attur qed jghid li nefaq erbghin lira spejjez, pero' ta' dawn l-ispejjez huwa ma esebixxa ebda ricevuta, ghalkemm il-konvenut jghid li l-ispejjez li nefaq l-attur kienu ta' hmistax-il lira (Lm15.00). Dwar l-ispejjez it-Tribunal qed jaccetta dak li qed jghid il-konvenut, stante li ma gewx esebiti ricevuti. B'hekk jigi li hemm bilanc ta' sitt mija u hmistax-il lira (Lm615.00) dovuti.

15. Il-konvenut qed jghid li ghamel ukoll xoghol flimkien ma' Piscopo li huwa stima fl-ammont ta' hamsa u sittin lira (Lm65.00), li pero' l-attur jghid li kien fl-ammont ta' hamsin lira (Lm50.00). It-Tribunal, ghalkemm ma saret ebda kontro-talba dwar dan l-ammont, ghall-ekonomija tal-gudizzju, huwa tal-fehma li jnaqqas l-ammont ta' hamsin lira mill-ammont dovut lill-attur. B'hekk jibqa' l-ammont ta' hames mija u hamsa u sittin lira Maltija (LM565.00).

16. Li jibqa' li ghandu jitnaqqas huwa ammont ghal xoghol li ma sarx. Il-konvenut jidher li qed jippretendi li dan l-ammont kellu jkun ta' mitt lira (Lm100.00). It-Tribunal "arbitrio boni viri" qed jaccetta li jitnaqqas mhux ammont ulterjuri ta' mitt lira, izda ta' hamsin lira (Lm50.00). B'hekk jigi li ghad fadal bilanc ta' hames mija u hmistax-il lira (Lm515.00).

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fl-ammont ta' hames mija u hmistax-il lira Maltija (Lm515.00) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' hames mija u hmistax-il lira Maltija (Lm515.00) bl-imghax legali li jibda jiddekorri mil-lum sad-data tal-hlas effettiv.

Fic-cirkostanza partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenut u kwart mill-attur."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravji f'dawn it-termini:-

(1) It-Tribunal ma fehemx il-portata tal-ewwel eccezzjoni tieghu. Jissottometti li biha ried ifisser illi gjaladarba l-attur ma kienx konformi mal-ligi u ma rregistrax ruhu skond il-ligi mad-dipartiment tal-VAT, is-servizz minnu prestat kellu jitqies wiehed illecitu. Ergo, jikkontendi, illi gjaladarba l-'causa' tal-kuntratt kienet illecita, l-kuntratt kellu jitqies null u kull obbligazzjoni naxxenti minnu mhux enforzabbli.

(2) It-Tribunal skarta kompletament ir-ricevuta rilaxxjata mill-attur u ghadda biex ghamel kwantifikazzjonijiet zbaljati, oltre li ma tax konsiderazzjoni lil certi aspetti ohra.

(3) F'kull kaz, l-ispartizzjoni tal-ispejjez tal-kawza ma kienetx maghmula b'mod gust.

Ghal dawk li huma l-fatti l-aktar saljenti tal-kawza, u li qed jigu elenkati 'infra', jirrizulta illi:-

(1) L-attur accetta li jaghmel xoghlijiet riparatrici fuq vettura antika, proprjeta` tal-konvenut, ghall-prezz akkordat ta' disa mitt lira (Lm900), b'dan ukoll illi l-ispejjez ta' materjal kellhom jitbatew ukoll mill-konvenut;

(2) Ix-xoghlijiet mahsuba kienu, skond l-attur (ara Affidavit tieghu a fol 15), jirrikjedu li l-vettura tizzarma bicca bicca, tinbarax, jittellghu d-daqqiet, isir irfinar u tinzebah. L-attur isostni illi ma kienx hemm diskors dwar li jinzebah il-qiegh tal-vettura. Il-konvenut invece, u x-xhud tieghu Paul Piscopo, jsostnu xort'ohra.

(3) Il-konvenut u l-imsemmi xhud tieghu assistew lill-attur billi gurnata minnhom hadu hsieb joborxu l-kumenti tal-bibiet minn gewwa tal-vettura. Ghal dan ix-xoghol il-

konvenut ippretenda tnaqqis ta’ hamsa u sittin lira (Lm65) mill-prezz akkordat.

(4) L-attur jghid li nkorra spiza ta’ erbghin lira (Lm40). Ghall-kuntrarju, il-konvenut sostna li din l-ispiza, li hu accetta, kienet ta’ hmistax il-lira (Lm15) biss.

(5) Mal-konsenja lura tal-vettura riparata l-konvenut hallas tliet mitt lira (Lm300) izda mill-bilanc ta’ hames mija u hamsin lira (Lm550), li l-attur irrikonoxxa permezz ta’ ricevuta datata 11 ta’ Marzu 2022, l-istess konvenut ippretenda li l-attur jikoncedilu tnaqqis ulterjuri ta’ mitt lira (Lm100) biex jaghmel tajjeb ghad-difetti riskontrati u xoghlijiet inkompletati. Intbaghat cheque fl-ammont ta’ erba mija u hamsin lira (Lm450) li ma giex accettat mill-attur. Fil-kors tal-proceduri l-konvenut irribadixxa l-offerta tieghu ta’ din is-somma (ara verbal a fol 57).

Premessi dawn il-fatti, huwa ovvju mill-kontenut tal-ewwel aggravju illi l-appellant qed jittanta jehles mill-obbligu tieghu tal-hlas billi jgib b’argoment l-illecejita` tal-kawza tal-kuntratt u li bis-sahha tieghu l-attur esegwixxa x-xoghlijiet.

In linea preliminai, hu dottrinalment accettat illi l-“causa” tal-obbligazzjoni hi l-iskop persegwit mill-kontraenti. Skond it-teorija oggettiva din il-‘causa’ hi identifikata mal-funzjoni ekonomika-socjali tan-negozju intervenut bejn il-kontraenti. Hi ghalhekk diretta li tiehu qies tal-interessi kollha konkreti li l-operazzjoni, obbjettivament, hi mahsuba li tirrealizza. Jinkombi ghalhekk fuq il-gudikant li jidentifika d-dixxiplina regolatrici tan-negozju u jipprocedi ghall-valutazzjoni ‘in concreto’ tal-kawza, qua element essenzjali tan-negozju. Fi kliem iehor ghandu jiddetermina jekk il-‘causa’, oggett tal-valutazzjoni, tikkonformax ruhha mal-ligi, inter alia, l-licejeta` taghha.

Posta din l-introduzzjoni, jista’ jinghad bla ebda ezitazzjoni, illi din il-Qorti ma tara xejn illecitu fil-kontrattazzjoni ‘de quo’. Il-ftehim certament ma kienx mahsub biex tigi evasa xi taxxa dovuta tal-VAT. Anke jekk is-servizz prestat mill-attur appellat seta’ kien soggett

ghal din it-taxxa, l-ftehim milhuq ma jistax, bl-ebda sforz tal-immaginazzjoni, jigi kwalifikat bhala illecitu, kontra l-morali jew kontra l-ordni pubbliku, li jsemmi l-artikolu 990 tal-Kodici Civili. Ghad li mhux uzati f'kuntest identiku, biex jigu uzati l-kliem tas-sentenza fl-ismijiet "**Josephine Grech et -vs- Ignatius Attard et noe**", Appell, 30 ta' Gunju 2000, "l-fatt li l-iskrittura tax-xorta in ezami setghet tkun soggetta ghal xi forma ta' hlas ta' boll … … dan ma kienx jirrendi l-kuntratt null u bla effett fil-ligi u wisq anqas ma kien jista' jirrendih ftehim minghajr kawza jew b'kawza illecita jew immorali jew kontra l-ordni pubbliku".

Fih innifsu fin-negozju intervenut bejn il-kontendenti ma jidher li sar xejn bi skop li tigi aggirata l-ligi. Tutt'al piu` jista' jinghad li ma gietx ezatta l-VAT izda dan ma jaghmelx il-'causa' illegali. Jinsab deciz mill-Qorti Taljana tal-Kassazzjoni illi "le frodi fiscali non comporta la nullita` dei negozi con cui viene commessa (**C 87/6970**) trovando la sua sanzione soltanto nelle disposizioni fiscali " (**C 99/12327**).

Hemm imbaghad fuq dan il-punt riflessjoni ohra li trid issir u li dwarha l-attur appellat ikkummenta fit-tieni paragrafu tar-risposta tieghu ghall-aggravju hawn diskuss. Jekk il-konvenut kien jaf illi l-prezz kwotat lilu, u li hu accetta (ara affidavit tieghu a fol 29), ma kienx jinkludi l-VAT u kien jaf ukoll li l-attur appellat ma kienx registrat mal-VAT Department, mhux gust li 'ex post facto' r-realizazzjoni tax-xoghlijiet jippretendi li ghandu jivvantaggja ruhu bit-turpitudini tieghu stess biex jirrezisti l-hlas minghandu reklamat. Kif rilevat, "id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 987 sa 991 tal-Kodici Civili ma humiex intizi biex jaghtu xi drittijiet lil min ikun konxjament u deliberatament ikkontratta obbligazzjoni b'causa illecita jew kontra l-ordni pubbliku imma kienu biss intizi bhala deterrent kontra l-ezekuzzjoni ta' tali obbligazzjoni" – "**Antonio Cassar noe -vs- Boris Arcidiacono**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998.

Kemm allura ghal dan l-ahhar motiv u wisq aktar ghall-fatt illi ma nstabx illi n-negozju guridiku kien jikkontjeni fil-'causa' tieghu ngredjenti ta' illecejita`, l-aggravju sottomess f'dan il-kuntest ma jistax jigi sostnut.

Dwar it-tieni aggravju, qed jigi osservat illi normalment m'ghandux ikun hemm dubju illi ricevuta li tirrikonoxxi hlas u tindika wkoll, bhal f'dan il-kaz, il-bilanc li jkun talvolta ghadu dovut, titqies bhala prova deciziva li fid-data msemmija fir-ricevuta sar dak il-hlas u baqa' wkoll dak il-bilanc x'jithallas. Dik il-kitba allura fuq dak id-dokument (fil-kaz in ispecje, Dok K.M. 1) ma tistax tigi in linea ta' principju disdetta sempliciment ghaliex, kif inhu l-kaz hawnhekk, l-attur appellat jistqarr aktar tard li dak il-hin meta ffirma, kien imfixkel. Jekk dik il-kitba ma kienetx tirrifletti l-verita` l-attur messu ha hsieb a tempo debito jimpunjaha jew ghallanqas jinsisti mal-konvenut li l-ammont bilancjali muri kien kontradittorju ghal dak pattwit. Kif saput hi regola bil-wisq pacifika illi l-partijiet ma jkunux jistghu jippruvaw permezz ta' xhieda u provi dak li ma jirrizultax, jew jirrizulta eskluz, mill-kitba. Ghal din il-Qorti l-fatt li l-attur appellat apporta l-firma tieghu fuq dik ir-ricevuta ghandu necessarjament ifisser illi hu kien f'dak il-mument accetta l-kalkolu aritmetiku li ghamel il-konvenut. Kompriz allura z-zieda mal-prezz originarju (Lm900) tan-nefqa ta' hmistax il-lira (Lm15) izda dedott mis-somma l-istima ta' hamsa u sittin lira Maltija (Lm65) ghall-prestazzjoni tal-konvenut u tal-impjegat tieghu. In konsegwenza, fil-fehma tal-Qorti, t-Tribunal kellu jiehu bhal punt ta' partenza s-somma bilancjali precizata fid-dokument rilevanti ta' hames mija u hamsin lira (Lm550).

Ferma din l-osservazzjoni, din il-Qorti ma taqbelx, imbaghad, li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tat-Tribunal u l-adoperu tal-principju tal-arbitriju adottat minnu biex wasal ghat-tnaqqis ta' hamsin lira (Lm50), minflok dik ta' mitt lira (Lm100) pretiza mill-appellant, biex ikopri dawk ix-xoghlijiet li baqghu ma gewx ezegwiti mill-attur appellat. Kollox ma' kollox din il-Qorti ma ssibx li fuq din il-materja sar xi spropozitu jew vizzju tad-dritt ekwitattiv mit-Tribunal.

In bazi ghal dawn il-konkluzjonijiet l-ammont bilancjali li ghadu dovut, u li l-konvenut ser jigi ikkundannat ihallas, hu dak ta' hames mitt lira (Lm500). Tenut qies li l-ammont minn kif stabbilit mit-Tribunal qed jigi ridott bi hmistax il-Lira (Lm15), din il-Qorti ma ssibx raguni biex tvarja d-

distribuzzjoni tal-kap tal-ispejjez stabbilit fis-sentenza appellata. Bizzejjed jigi osservat illi l-offerta li l-appellant ippretenda li ghandu jhallas ma gietx imbaghad konsegwita minnu bid-depozitu tas-somma in sodisfaciment tad-debitu tieghu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ dan l-appell limitatament dwar it-tieni aggravju billi tirreduci l-ammont bilancjali li l-konvenut appellant ghandu jhallas lill-attur appellat ghal hames mitt lira (Lm500). L-aggravji l-ohra qed jigu ghalhekk michuda. L-ispejjez ta’ dan l-appell jitbatew internament mill-konvenut appellant.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------